PDF Compressor Pro



Waqt il-mixegħla tax-xemgħa mill-Blandun u b'kant mill-pubbliku ta' 'Veni Lumen'. L-Isqof Grech jidher jixgħel ix-xemgħa lil Marilyn Attard minn Għajnsielem. F'dan il-waqt inxtegħlu x-xemgħat tal-artal u d-dawl fuq l-assemblea

Velja Djoċesana ta' Pentekoste

Waqt il-Velja Djoċesana ta' Pentekoste bit-tema *Morru intom ukoll fil-għalqa tiegħi tad-dwieli* (ara Mt 20,1-16), li saret fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali t'Għajnsielem, nhar is-Sibt 26 ta' Mejju u li fetħet bil-kant Spirtu Qaddis, saret iċ-ċerimonja tad-dawl (mil-Liturġija Biżantina) fejn Mons Isqof Mario Grech, min-nar tal-Blandun, xegħel 15-il xemgħa, li jirrappreżentaw il-komunitajiet parrokkjali tad-Djoċesi.

Wara l-istqarrija tal-fidi (Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija), Mons Isqof Grech, raxxax il-ġemgħa bl-ilma mbierek, waqt kant mill-Kor Djoċesan taż-żgħazagħ u mill-poplu.

Fil-parti tal-Liturgija Ewkaristika tressqu lill-Mons Isqof, offerti ta' ħxejjex u frott, ħobż u nbid, miġbura mill-parroċċi tad-djoċesi bħala ġest ta' solidarjetà ma' persuni u familji fil-bżonn.

Lejn tmiem iċ-ċelebrazzjoni, Mons Isqof Grech inċensa x-xbieha tal-Verġni Marija waqt kant tar-*Regina Coeli*.

Mons Isqof Grech kien mgħejjun mill-Arċipriet tal-Parrocca t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada u minn Dun Joseph Farrugia mill-Għarb, kollaboratur tal-Parroċċa t'Għajnsielem u Direttur Spiritwali tas-Seminarju Maġġuri u sintendi miċ-ċeremonier tiegħu Dun Roberto Gauci minn Kerċem. Dan apparti n-numru kbir ta' saċerdoti u reliġjużi.

Il-Kor taż-żgħażagħ kien taħt id-direzzjoni ta' Dorienne Portelli mir-Rabat, Għawdex waqt li taw issehem tagħhom ukoll fuq is-Syntheszier in-Nadurin Antoine Theuma u Marita Bigeni.

Iċ-ċelebrazzjoni kienet trasmessa fuq Radio Maria u Radio Lauretana.



Mons Isqof Grech iraxxax il-ġemgħa bl-ilma mbierek waqt il-kant 'Int għajn tal-ħajja' (Taize')

MINN ĠĦAWDEX



ma' **Charles Spiteri**



Mons Isqof Grech jidher jinċensa x-xbieha tal-Verġni Marija



Waqt illi tressqu l-offerti li marru għall-karità, fost il-kant ta' Noffrulek Mulejja, mill-kor u l-ġemgħa. Fost dawn kien hemm il-familja Micallef minn Kerċem, li fir-ritratt jidhru, it-tifla Angele u ommha Micheline.



Il-kru ta' Radio Lauretana u Radio Maria li ħadu ħsieb iwasslu lis-semmiegħa ċ-ċelebrazzjoni tal-Velja. Jidhru mix-xellug għal-lemin Lelio, Laurie Anne (Radio Lauretana-Għajnsielem) u Ivan u Claire (Radio Maria-Malta)



Uħud minn dawk preżenti għall-Velja Djoċesana fuq iz-Zuntier tal-Knisja